MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Numru 1027/2005

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT SHARON TANTI**

**KONTRA**

**FRANK CACHIA ta' 37 sena, bin Carmelo u Rose nee' Borg, imwieled Attard nhar is-7 ta' Awwissu, 1970, u residenti fi Flat numru 1, Block B, Entrance 2, Swatar, Imsida, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 415770M;**
**Michael Ciappara ta' 71 sena, bin Carmel u Bernarde nee' Zammit, imwieled il-Marsa nhar l-4 ta' Marzu, 1937, residenti fil-fond numru 41, Triq San Gwann, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 216337M;**
**Mario Ciappara ta' 36 sena, bin Michael u Anna nee' Busuttil, imwieled Attard nhar l-4 ta' Ottubru, 1971, residenti fil-fond Diana Flats, 4, Triq il-Merluzz, Qawra, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 445671M;**

**U Anthony Azzopardi ta' 28 sena, bin Joseph u Antonia nee' Gilson, imwieled Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Ottubru, 1979, residenti fil-fond numru 52B, Triq Fra Diegu, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 469679M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmija Frank Cachia, Michael Ciappara, Mario Ciappara, u Anthony Azzopardi, li gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, mill-fond Maximus, li jinstab fi Triq il-Fliegu, Bugibba, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi f'Malta, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u cioe' ghenu jew assistew lil persuni ohra fiz-zamma ta' burdell fil-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi, zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor, jew ta' xi parti minnhom u cioe' il-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, li huma frekwentati jew maghduda bhala li huma frekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

Lil **Frank Cachia u Michael Ciappara** wahidhom:

1. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, hallew jew ippermettew hanut, allogg, lukanda jew appartament privat, jew xi parti taghhom u cioe' il-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, jigi uzat bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, gewwa il-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba,

impjegaw jew taw xoghol lill-persuni li ma kinux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol u cioe' taw impjieg lil Gabriela Chiriac, Nicoleta Spadaru, Elena Petronela Dascalu, u Gabriela Stingaciu, kollha ta' nazzjonalita' rumena;

3. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala l-principali jew il-persuni li jimpjegaw persuni ohra, full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dawn l-impjiegi kif hemm fl-Avviz Legali 110/1993;

4. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, iggestew il-fond 'Maximus' sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, bhala post kummercjali minghajr il-licenzja tal-Awtorita' kompetenti;

5. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi, fil-fond 'Maximus', sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, bhala persuni li jiggestixxu l-fond 'Maximus', ippermettew lil Raymond Micallef biex jaghmilha bhala substitute minghajr il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, impjegaw, haddmu, jew ippermettew l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati, u cioe' haddmu lil Anthony Azzopardi bhala gwardjan privat minghajr licenzja skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali.

Lil **Anthony Azzopardi wahdu** talli:

1. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, hadem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew offra s-servizzi tieghu fil-fond 'Maximus' sitwat fi Triq il-Fliegu, Bugibba, minghajr ma kellu licenzja skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali.

Lil **Frank Cachia wahdu** talli:

1. Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, ikkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, moghtija

mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta fit-2 ta’ April, 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tisax tigi mibdula.

Rat li l-akkuzati kienu wiegbu li ma kinux hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;
Rat li gie ezebit il-Kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a folio 228 tal-process, u rat li sussegwentement l-imputati kollha taw il-kunsens taghhom ghal prcoeduri sommarji;
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ser tibda biex taghmel sintesi tax-xhieda saljenti prodotta fis-smiegh ta’ din il-kawza.

Illi:

Din il-kawza ssib il-bidu taghha meta l-pulizija ta’ l-Iskwadra ta’ kontra l-Vizzji ghamlu *raid* fl-istabbiliment Maximus. Hemmhekk kif jirrizulta mix-xhieda tal-pulizija sabu ambjent ta’ *bar/nightclub* armat b’arbli u sufanijiet ghaz-zfin kemm li jsir fl-istess bar, kif ukoll kmamar ghal zfin aktar privat. Instabu waqt dan ir-*raid* erba’ tfajliet kollha ta’ nazzjonalita’ barranija li waqt xoghol kemm ta’ *lap dancers* gewwa dan il-*club* kienu lebsin hwejjeg ta’ taht imkittfa (bikini ta’ taht gie deskritt).

Ghalhekk ittellghu jixhdu dawn it-tfajliet zeffiena.
Nicoleta Spadaru xehdet ghal aktar minn darba. Qalet li waslet Malta fit-8 ta’ Ottubru – dan kif kienet diretta minn certu Rennie biex tigi tahdem ta’ zeffiena. Waslet hawn Malta ma’ Gabriela Chiriac. Mal-wasla taghha Malta hija kienet milqugha mimnn Rennie u giet mehuda l-Euro Hotel. Hawn Roni taha struzzjonijiet li kellha tizfen gewwa l-Maximus. Ghalhekk giet murija l-ezebit DOK ST, folio 94, ftehim ta’ bejnha u bejn il-Maximus Club. Spjegat li dan il-kuntratt, gia lilha spjegat minn Tony (cioe’ l-akkuzat Tony Azzopardi). Spjegalha li xogholha fil-Maximus Club kien dak ta’ zeffiena u kellha taghmel xi tip ta’ zfin bhala *strip*

*tease*, *topless* u *lap dancing*. Xehdet li l-*lap dancing* kien verso l-prezz hames liri Maltin (Lm5.00), it-*topless dancing* ghaxar liri Maltin (Lm10.00), u l-*strip tease* ghall-prezz ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15.00). Tkellmet ukoll dwar il-fatt li anke kellha *commission* mid-*drinks* li kienu jigu offruti lilha. Ghalhekk giet murija certu ricevuti riflettenti flus migbura mit-tfajliet DOK ST 1.

Xehdet ukoll dwar il-fatt illi kien Tony gia msemmi li kien izomm il-flus li hi kienet taghmel minn xogholha. Ikkonfermat li kellha permess tax-xoghol kif ukoll li kienet taf lil Frank Cachia ghalkemm dan ammettietu biss meta giet konfrontata bir-ritratti tieghu li kellha gol-*mobile* taghha. Hawn qalet li kienet iltaqghet ma’ Cachia darba biss. Gharfet lil Mario u lil Michael Ciappara prezenti fil-*Euro Club Bar*. Qalet ukoll illi kien Tony Azzopardi li kien ihallasha taz-zfin.

Dwar il-flus li kienet tghaddi lil Tony Azzopardi, qalet li dan kienet taghmlu biss ghal *safe keeping* tal-flus u ghax kienet ir-rieda taghha li taghmel hekk. Sahhet li hi kienet tizfen biss bil-hwejjeg fuqha.

Elena Petronela – zeffiena ohra ukoll xehdet li hi waslet Malta f’Ottubru u anki f’dan il-kaz, tramite kuntratt ma’ certu Rennie, li kien l-istess bniedem li wassal lilha u lil habibitha Gabriela ghall-Euro Club. Qalet li lilha biss Ronnie offirielha li tipprostitwixxi ruhha. Spjegat pero li minn naha l-ohra Frank Cachia kien spjegalha li ma kellhiex tiprostitwixxi ruhha b’emfazi li gol-club zfin biss kellu jsir. Qalet li fil-fatt Frank tahom struzzjonijiet li z-zfin li kellu jsir gewwa l-club kien *lap dancing*, *topless*, u *strip tease*. Ma kellhomx johorgu mal-klijenti, lanqas jaccettaw l-inviti jew stedin taghhom. Anki din spjegat li ghas-sigurta’ tal-flus li kienet tigbor minghand il-klijenti jew minhabba xorb kienet thalliehom ghand Tony Azzopardi.

Mistoqsija fuq permess tax-xoghol, wiegbet li fi hsiebha l-kuntratt, kien permess tax-xoghol ghalkemm cahdet li hi kienet iffirmat xi kuntratti. Spjegat li qabel giet Malta giet moghtija hames mitt Ewro li kellha turi lil *border control*,

biex turi li kienet solventi. Aktar tard dawn il-flus tathom lil Frank Cachia.

Kien dan Frank Cachia li tahom struzzjonijiet taz-zfin differenti li kellu jsir, kif ukoll li klijent seta' jistaqsi ghal zifna go kamra privata. Ghalhekk, spjegat li kienet issir *strip tease* billi tkun liebsa *bikini* kulur il-laham u zzomm id-dawl baxx. Pero kien hemm okkazjoni fejn f'aktar dawl qawwi, kellha tnehhi dan il-*bikini*. Qalet li kellha dsatax-il sena u li kienet ben konxja mix-xoghol li kellha taghmel Malta u li hadd ma kien gieghlha taghmel dan ix-xoghol. Xehdet fuq il-presenza ta' Tony u Frank gol-*club*, waqt li l-ko-akkuzati Ciappara kienet rathom biss fir-*restaurant*.

Spjegat li zfin gherwiena jew  nofsha gherwiena, topless jew strip tease kien isir biss gol-kmamar privati. Ikkonfermat li kienet anki zifnet ma' kollegi ohra femminili go kamra privata, b'dan illi b'dan l-izfin kienu jippretendu li qed imissu ma' xulxin.

Xehdet ukoll certa Gabriela Chiriac. Qalet li kienet tahdem bhala zeffiena  u ghalhekk giet Malta ghax kienet offruta xoghol biex tahdem bhala zeffiena. Qabel giet Malta giet moghtija elf Ewro u biljett ta' l-ajru. Darba li waslet Malta dawn il-flus tathom lil certu Philip Gabriel. Malta waslet ma' Nicoleta Spadaru. Gew imwasslu l-*club* (Euro Hotel) minn certu Ronnie. Aktar tard fl-istess *club* iltaqghet mac-*chief* u ma' Tony. Bhala zeffiena gol-*club* kienet tizfen kemm fl-*area* tal-*bar* kif ukoll go kmamar privati. Bhaz-zeffiena l-ohrajn kienet izzomm l-istess tariffi, u ghas-sigurta' tghaddi l-flus ghand Tony, dan ghaliha kien il-*manager*. Ghalhekk ikkonfermat l-ircevuti tal-flus li kienet tircievi minghand il-klijenti (DOK ST 4). Spjegat li dawn l-ircevuti kienu jigu redatti minn Tony (Anthony Azzopardi) li kien izomm il-flus tat-tfajliet *for safe keeping*. Giet murija ukoll il-kuntratt (DOK ST 5, li tahulha skond hi Tony. M'gharfitx pero fuqu l-firma ta' Frank Cachia.

Zeffiena ohra mal-Maximus li ngabet tixhed ghax ukoll instabet fil-fond fir-raid, kienet Gabriela Stingaciu. Anke din giet Malta biex tahdem bhala zeffiena, waslet ma' Elena Petronela. Anke din giet moghtija somma ta' flus li

mal-wasla tat lil Nicoleta. Anki fil-kaz taghha giet migbura minn Rennie li hadha l-Euro Club, Bugibba. Nicoleta li kienet Malta qabilha, spjegatilha xogholha bhala zeffiena, cioe' *lap dacing*, *topless dancing*, u *strip tease dancing*. Xehdet li kienet mitluba taghmel *strip tease* u ta' dan il-klijent hallas hmistax-il lira Maltin (Lm15.00). ghal *safety reasons* (folio 198) hi wkoll kienet tghaddi l-flus lil Tony Azzopardi. Xehdet li kienet tithallas darba fil-gimgha minghand ko-akkuzat Mario Ciappara – sid ir-*restaurant*.

Xehdet ukoll li waqt iz-zfin kienet tkun liebsa. Ammettiet ukoll li ghamlet zfin ma' Elena, pero fil-kmamar privati. Innegat li hi kienet taf lil Frank Cachia,

Xeded wkoll il-pulizija involut fir-raid li sar f'dan il-Maximus Club. PC 1129 Antoine Cilia xehed li flimkien ma' pulizija ohra dahal gewwa l-*club* imsemmi, u sab lil Anthony Azzopardi li hu hasbu *security*. Staqsewh ghall-imghallem u hemm gie Mario Ciappara. Ippartecipa fejn gew elevate diversi ricevuti koncernanti x-*shows* li kienu jaghmlu t-tfajliet. Gew elevati diversi dokumenti ohra relatati max-xoghol tat-tfajliet u l-promozzjoni tal-*club*.

Mistoqsi dwar l-attivita' li ra darba li dahal fil-fond irrisponda li ra tfajliet jizfnu mal-*poles* u niex jixorbu mal-*bars*.

L-istess WPC 25 Charlene Camilleri ukoll involuta f'dan ir-*raid* xehdet illi t-tfajliet li sabet fil-bar kienu lebsin *underwear* biss (folio 345).

PC 225 Joe Filletti xehed li waqt ir-*raid* ra diversi rgiel mal-*bar* u mara qed tizfen. Dwar *security* mal-bieb xehed li ra lil Anthony Azzopardi.

L-istess WPC 64 Connie Cauchi ukoll involuta f'dan ir-*raid*, wiegbet li precedentement hi kienet involuta f'*raids* simili fi *clubs* simili.

PS 839 Stephen Micallef ukoll involut f'dan ir-*raid* qal li gewwa l-*club* ra nies ma' *bar* u nisa lebsin *underwear*. Tkellem dwar il-kmamar maghluqin li minnhom kienu

armati b'sufan u *poles*. Qal li kien hemm minnhom li kellhom ukoll xi *jacuzzis*. F'dawn il-kmamar ma nstab hadd. Dan ix-xhud qal ukoll li lilu Anthony Azzopardi kien qallu li qed jiehu hsieb il-post pero li l-fond kien ta' Ciappara.

PC 1106 Timothy Zammit ukoll involut fir-*raid*, ukoll tkellem fuq il-kmamar zghar bil-*poles* li fil-mument tar-*raid* kienu vojta. Ezebixxa *cashbook* b'ismijiet tat-tfajliet u figuri ta' flus hdejhom, u iehor rigwardanti *drinks* (DOK TZ u DOK TZ2) fost dokumenti ohrajn. Xehed li t-tfajliet kienu lebsin *underwear* li hu ddeskriva bhala '*in very skimpy'* (fol 397). Ghamel paragun ma' l-ilbies tat-tfajliet misjuba fil-Maximus li kienu lebsin *underwear*, mentri dawk misjuba go *clubs* iehor kienu lebsin bikini.

Xehdu fit-tul ukoll l-Ispettur Sharon Tanti u l-Ispettur Raymond Aquilina.

L-Ispettur Sharon Tanti xehdet li anki hi kienet involuta f'dan ir-*raid* fil-Maximus Club bazi ta' din il-kawza in dezamina. Fil-fond sabu klijenti mal-bar u erba' tfajliet ta' nazzjonalita' barranija jkomplu mal-klijenti. Identifika ruhu bhala l-persuna *in charge* Mario Ciappara – it-tifel tas-sid.

Fuq il-post tkellmet ma' l-erba' imputati. Xehdet dwar il-*poles* prezenti fil-*bar*, il-kmamar privati arredati bil-*poles* u sufan, u ohrajn li sahansitra kellhom anke j*acuzzi*. Tghid li dan kien jidher li mhux qed jigi uzat minhabba li fih kellu t-trab.

Qalet li mill-investigazzjonijiet irrizulta li Michael Ciappara kien sid il-bar Euro Club, li kien pero involut fi kwistjoni civili dwar dan. Ma kienx f'posizzjoni li lill-pulizija jipprovdilhom licenzji ta' l-MTA ghall-operat tal-Maximus u tal-Euro Club. Mitkellem Mario Ciappara wera li hu kien jiehu hsieb jistokkja l-bar tal-Maximus, jihhendilja l-*cash* u z-zfin tat-tfajliet. Kien ihallas lit-tfajliet u lill-*barman*. Anthony Azzopardi identifika ruhu bhala s-*security* tal-Maximus. Frank Cachia kien il-persuna li jaghmel kuntatti ma' barra biex igib dawn it-tfajliet.

L-Ispettur Sharon Tanti regghet xehdet fi stadju aktar avvanzat ta' dawn il-proceduri. Hawn tkellmet fuq id-differenza li sabet fl-operat tat-tfajliet li jahdmu gewwa l-Maximus u clubs ohra simili bhall-AO, Midnight Cowboy fost ohrajn. Ezebiet ukoll is-sentenza kontra t-tliet tfajliet barranin deponenti f'din il-kawza li ghaddiet in gudikat.

Xehdet li fil-club Secrets, ittiehdu proceduri ghax it-tfajliet ma kellhomx permessi biex jahdmu, fl-AO kellu kollox sew kellhom il-karti in regola fis-sens li l-post kien licenzjat u t-tfajliet kienu *self-employed*, fil-Midnight Cowboy (dak iz-zmien il-kaz *sub judice*) it-tfajliet kienu qed jizfnu bla permess.

Spjegat li ma nhargux akkuzi ta' atti immorali jew zamma ta' burdell ghax fil-lokalitajiet ohra imsemmija t-tfajliet ma kinux qed jaghmlu *strip tease*. Spjegat li kuntrarjament ghal dak li kien qed jigri gewwa l-Maximus f'dawn il-lokalitajiet ohra imsemmija t-tfajliet ma setghux jaghmlu *topless dancing* jew *strip tease*, dan skond ma rrizulta lilha mal-investigazzjonijiet taghha.

Aktar tard in kontro ezami xehdet u qalet li l-akkuzi in dezamina b'mod partikolari dawk ta' zamm ta' burdell inhargu gia la darba t-tfjaliet kienu qed jistrippjaw kompletament. Qablet, issa s-Supritendent Sharon Tanti, li l-kaz in dezamina ma kienx jinvolvi tfajliet li qed jaghtu servizzi sesswali lill-klijenti taghhom. Anzi, ziedet li kif kien jidher mill-kuntratti li ffirmaw jew ukoll mal-istruzzjonijiet li rcevew li ma setghux jiffurmaw hbiberiji mal-klijenti kemm fil-hanut kif ukoll barra.

Qablet mad-Difiza ukoll li jezistu certu *magazines* ghall-bejgh gew *news agents* Maltin li juru ritratti ta' nisa gharwenin. Giet anki murija s-Supritendent Sharon Tanti set ta' kartolini turistici li juru nisa jew partijiet minn gisimhom gharwenin jew f'posizzjonijiet provokanti (DOK EG, EG 1, EG 2). Dawn inxtraw minn hanut turistiku hdejn il-Qorti stess. Giet ghalhekk mistoqsija jekk qatt ircevietx direttivi biex taghmel xi investigazzjonijiet rigwardanti dawn il-magazines u kartolini ezebiti - wiegbet fin-negattiv. L-istess giet mistoqsija dwar l-investigazzjonijiet fir-

rigward ta’ cinemas li jipprogettaw films ‘….addirittura pornografici’ (folio 491), fir-rigward ta’ trasmissjonijiet moghtija mill-Melita Cable Television, jew aktar tangibbli prosekuzzjoni fir-rigward ta’ nies li jiffrekwentaw *pool areas* ta’ *beach clubs* maghrufa Maltin ghall-abbiljament (jew nuqqas tieghu) fil-konfront ta’ *beach wear* – wiegbet fin-negattiv. Wiegbet anzi li qatt ma rceviet struzzjonijiet li tiehu xi proceduri f’dan ir-rigward. Sahhet l-istess Supritendent li fir-rigward ta’ l-akkuzi mahruga li z-zamma ta’ burdell ma kinitx ghall-iskop ta’ prostituzzjoni imma ghal skop ta’ attivitajiet ohra illegali (folio 494).

Regghet ikkonfermat li fir-rigward ta’ *night clubs* ohra simili, hadd ma tressaq il-Qorti fuq l-akkuzi in dezamina taz-zamm ta’ burdell, dan nonostante li t-tfajliet ukoll kienu nvoluti f’*lap* u *pole dancing*. Baqghet insistenti fil-fatt li l-*strip tease* jammonta ghal att immorali, u ghalhekk inhargu l-akkuzi in dezamina. Is-Supritendent fil-fatt sostniet li dan l-*strip tease* huwa hekk immorali ghaliex mara kienet qed tinza’ f’post accessibbli ghall-pubbliku bi hlas.

Ammettiet li l-*Vice Squad* qatt ma ddiskutiet jekk *channels* pornografici ghandhomx jigu *blocked*. Ammettiet li certi *channels* pornografici kienu accessibbli fid-djar *tramite* trasmissjonijiet bis-satellita.

Tkellmet fuq il-policy tal-Iskwadra ta’ kontra l-Vizzji li jaghfsu aktar fuq *child pornography* u qablet ghalhekk li fil-Maximus ma nstabux tfal. Qablet li gewwa l-*club* imsemmi ma ratx u ma rrizultax li jsir il-prostituzzjoni. Qablet li d-decizjoni ta’ dak li hu immorali hadu d-dipartiment, cioe’ l-Iskwadra ta’ kontra l-Vizzji.

Qablet li Anthony Azzopardi ma kienx il-proprjetarju tal-Maximus, pero impjegat ma’ kumpanija li fil-Maximus kienet qed tiggestixxi l-andament tal-post. Ma rrizultax li Anthony Azzopardi kien jiehu ghalih xi flus milli kien izomm ghat-tfajliet, liema flus fil-fatt kien jghaddi lid-dirigenti tal-Maximus. Qablet li Azzopardi kien jircievi l-paga tieghu minghand is-socjeta’ G3. Qablet ukoll li Anthony Azzopardi kien involut biss fil-qari tal-kuntratt tat-

tfajliet u cioe' li ghen fit-traduzzjoni tat-taljan ghall-ingliz, gia la darba t-tfajliet rumeni kienu jifhmu aktar it-taljan.

Qablet ukoll is-Supritendent Sharon Tanti li dan il-kaz ghaliha, minhabba n-novita' ta' l-akkuzi, li kien *test case*.

L-Ispettur Raymond Aquilina minn naha tieghu partecipanti ukoll f'dan ir-*raid*, xehed li ra mal-*bar* tal-Maximus xi tliet jew erba' nies lebsin '……bhal meta nghidu bil-bikini pero jidher li hu *underwear*' (folio 450). Ikkonferma ukoll l-ezistenza tal-kmamar privati gia precedentement imsemmija. Mistoqsi jekk fil-fond sabx *vending machines* tal-*condoms*, wiegeb li ra biss wahda tas-sigaretti. Bhal shabu rega' rrepeta li dawk l-attivitajiet li rrizultaw fil-Maximus Club ma kinux irrizultaw li kienu qed isiru go *clubs* ohra simili.

Xehed ukoll Dr Michael Camilleri in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority. Mistoqsi x'permessi kien hemm mahruga fir-rigward tas-sit Maximus, Triq il-Fliegu, Bugibba, wiegeb li ma kien hemm ebda permess. Imharrek aktar tard f'dawn il-proceduri, dejjem in rapprezentanza ta' l-istess socjeta', iddepona issa fuq il-Euro Club. Xehed li kien hemm licenzji ta' hotel li gew ikkancellati fis-sena 2000, pero baqa' jopera l-*bar*. Xehed ghaliex ma kinux qed jithallsu dawn il-licenzji, l-ahhar li nhargu kien sas-sena 2006, pero issa kien gie <u>kkancellat kollox</u> (emfasi tal-Qorti fol 559). Kompla Dr Camilleri li dan kien ifisser li allura sia l-licenzji tal-bar, sia tal-lukanda kienu kkancellati. Spjega li fis-sena 2006 il-Euro Club Hotel Bar kien ghadu bil-licenzji vigenti, spjega li l-unika bar li kien licenzjat kien jismu Euro Club Hotel Bar fi Triq il-Fliegu, Bugibba. Sostna Dr Camilleri li jekk fil-fatt inbidel l-isem tal-bar kellha tkun avzata l-istess Awtorita' (vide DOK JG, JG1, folio 564 – 566). Ezebixxa fil-fatt il-licenzji li kellu (ikkancellati) kienu <u>biss</u> f'isem il-Euro Club Hotel JOK JG.

Certu Philip Bonnici ukoll xehed dwar permessi, din id-darba pero in rapprezentanza ta' l-Awtorita' ETC. Dan gie mistoqsi jekk it-tfajliet barranin li ddeponew f'din il-kawza, cioe' z-zeffiena, kellhomx permessi biex jahdmu ta' hekk

mal-Maximus, Triq il-Fliegu, Bugibba. Wiegeb dan ix-xhud li mhux talli ma kellhomx permess, talli lanqas ma kien hemm applikazzjoni ghal dan l-iskop, ghalhekk dawn it-tfajliet ma kellhomx ebda *working permit*.

WPC 6 Maureen Talpi telghet ukoll tixhed fuq permessi u licenzji mahruga lil Anthony Azzopardi bhala *private guard*. Wiegbet li ma kellux licenzja ta' dan it-tip. Spjegat li biex wiehed isir *private guard*, kellu bzonn kors mal-ETC jew mal-*Guard and Warden Agency*, sussegwentement tinhargilhom licenjza mill-Kummissarju tal-Pulizija li tiggedded kull sena.

Xehed ukoll fit-tul certu Raymond Micallef – *barman* dak iz-zmien mal-Maximus. Spjega li gewwa l-fond imsemmi kien jara tfajliet jizfnu ma' *pole* u jitkellmu man-nies, anki jiehdu *drink* maghhom. Qal li fuq id-drinks li kienu jiehdu t-tfajliet kiewn hemm *commission*. Gharaf ukoll fuq ir-registru ezebit il-firma tieghu fir-rigward tas-*sales* tal-*bar*. Fir-rigward tal-firma tieghu kontra flus registrati bhala *others*, ghad-distinzjoni mis-*sales* tal-*bar*, wiegeb li hu kien jircievi *envelope* maghluq li fuqu kien ikollu mitkub somma, u kien inizzilha fuq ir-registru. Qal li dan l-*envelope* kien jaghtiehulu Tony (Anthony Azzopardi).

Tkellem fuq dan il-ko-akkuzat billi spjega li dan kien jahdem bhala *security* jew *doorman*. Spjega li meta spicca minn mal-Maximus Gordon il-Barkun kien spicca inkarigat minfloku, kliem dan ix-xhud 'kariga overall' (fol 156).

Dwar il-ko-akkuzati l-ohrajn, spjega li Frankie ghalih kien wiehed mill-*owners* tal-Maximus. Mario Ciappara kien wiehed mill-*owners* li kien anki jissuplixxi l-*bar* u jaghmel ir-*readings*. Mario Ciappara kien dak li jaghtih il-paga.

Xehed fit-tul certu Joseph Attard sid il-kumpanija G3 Ltd, li mieghu kien impjegat il-ko-akkuzat Anthony Azzopardi. Spjega li dan Tony Azzopardi kien mibghut minnu jahdem gewwa l-Maximus bhala *customer care*, cioe' kellu funzjoni li dak li jinqala' jiehu hsiebu hu. Gewwa l-Maximus ir-rwol tieghu kien li jiehu hsieb il-bieb ta' barra pero minhabba sahhtu, cioe' l-piz, gieli anki kien joqghod

fuq gewwa wkoll. Qabel li darba li telaq il-*manager* mill-Maximus (Gordon il-Barbun), Azzopardi gieli agixxa ta' *replacement* tieghu. *Via-a-vis* iz-zeffiena jghid dan ix-xhud li Azzopardi kien jiehu hsiebhom. Kien anki kif inhi l-procedura f'dawn it-tip ta' *clubs* johdilhom il-flus minn fuqhom – dan ghar-raguni ta' sigurta' u kontroll ta' serq. Qal li l-paga ta' Anthony Azzopardi kienet tohrog minghandu.

Spjega dan ix-xhud wahda mill-funzjonijiet li kellu Azzopardi fil-Maximus Club – "In fatti kellu ordnijiet li certi nies ta' karattru mhux adattat ghall-post ma jdahhalhomx biex ma joholqux problemi mat-tfajliet" (fol 378).

Rega' tkellem fuq il-procedura tal-gbir ta' flus u nsista li din kienet wahda li kienet tigri f'kull *club*. Tkellem fuq l-ammont ta' zeffiena li kien hawn fil-*clubs* maltin. Spjega pero li Anthony Azzopardi ma kienx jaghti direttivi lit-tfajliet dwar it-tip ta' zfin li kellhom jaghmlu. Spjega ukoll li Azzopardi kien anke "meta jitilqu d-*dancers* minn gol-post iwassalhom sal-bieb tal-flat taghhom ghaxxi minn daqqiet issib xi klijenti li jibqghu jistennewhom fil-bieb ta' barra" (folio 381). Ghalhekk spjega li fin-nuqqas ta' Godwin, xi hadd bil-fors kellu jiehu hsieb li n-nisa ma jigux abbuzati. Ghalhekk Azzopardi kien qieghed ikopri r-rwol ta' *manager* biss sakemm jistab iehor adatt minflok Godwin. Qabel ukoll li anki hu fl-assenza ta' Tony Azzopardi hadem fil-Maximus bl-istess funzjonijiet ta' Azzopardi. Qal li hawn id-door policy kienet li ma jidhol hadd taht il-wiehed u ghoxrin sena. Spjega wkoll li t-tfajliet gol-*club* qatt ma setghu jaghmlu *strip tease* – dan ghaliex ghal gol-club kien hemm access ghall-klijentela li kienu jilaghbu t-tombla, cioe' fi kliemu xjuh ta' cirka sebghin sena.

Rega' spjega li kienet ordni tieghu li wahda mill-funzjonijiet tieghu kienet li jigbor il-flus minghand it-tfajliet, anki minn fuq il-*barman*, b'hekk kien jassigura li ma jsirx serq minn gol-*club*. Xehed pero li ghalkemm Azzopardi gieli adotta r-rwol ta' *manager* fi hdan il-Maximus kif gia spjegat, dan pero ma kienx impjegat hekk mal-kumpanija G3. Allura xehed dan Attard li ghalkemm Azzopardi kien qed jiehu hsieb gewwa bhala *security*, dan ma kellu ebda *say* dwar

l-ilbies tat-tfajliet. Qal li bhala paga Azzopardi kellu wahda regolari daqs *securities* ohra, fil-fatt qatt ma tah paga ta' manager. Xehed li baqa' jiehu paga normali daqs *securities* ohra li kellu. Detto cioe' u wara li tkellem anki fuq il-fatt li kellu anki licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u li kien sahansitra kopert mill-*insurance*, u li kien jinsisti li s-*securities* ikollhom licenzja, insista li Azzopardi pero ma kienx jaghmel xoghol ta' *security* imma ta' *customer care* u dan minhabba l-piz tieghu (fol 520).

Tkellem fuq il-kumpless tal-Euro Club, bhala kumpless wiehed, naha ssir it-tombla, u l-ohra *pole dancing*.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni dwar il-gbir ta' flus minghand it-tfajliet, a differenza ta' flus li l-istess seta' kellhom fuqhom meta dahlu ghax-xoghol, Attard wiegeb li b'dan il-fatt ma kienx jaf. Lanqas ma kien jaf li Tony Azzopardi kien qieghed jghin lit-tfajliet fl-ispjegazzjoni tal-kuntratt.

Xehed li mieghu Tony Azzopardi kien impjegat bhala *host*, gia la darba r-rwol ta' *customer care* ma kienx wiehed accettat mill-ETC.

Issa l-akkuzati kif kien dritt taghhom, ghazlu, ghajr ghal Azzopardi, li ma jixhdux in difesa, pero kollha kemm huma ghazlu li jirrilaxxaw stqarrija lill-Ufficjali Investigattivi.

Fl-istqarrija tieghu Frank Cachia (folio 272 – 278) qal:
F'dan l-istadju qal li hu kien speci ta' share holder mal-Euro Club Hotel, u li kellu ntrojtu mill-qliegh tal-Maximus. Ammetta li kien hu li kien jiehu hsieb il-permessi tax-xoghol tat-tfajliet li jahdmu gol-Maximus Bar. Qal li permessi ma' l-ETC fir-rigward tat-tfajliet kien hemm ghal kulhadd. Il-job description taghhim hija skond hu dik ta' dancers pero ma kienx jaf jirrispondi x'tip ta' zfin jaghmlu gia la darba ma kienx jersaq 'l hemm.
Fir-rigward tal-permessi baqa' nsistenti li kien se jirriproduciehom lill-pulizija t-Tnejn, gia la darba l-istqarrija kienet qed issir is-Sibt. Irrinfaccat bil-fatt li ma l-ETC ma kienx hemm ebda applikazzjoni fir-rigward tat-tfajliet, wiegeb li kien cert li applika. Qal li t-tfajliet kien gabhom

minn agenzija jisimha Philips u li kien facli ggib dawn it-tfajliet.
Fit-tieni stqarrija (folio 275 – 278) Frank Cachia kif kien dritt tieghu ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda.

Michael Ciappara fl-istqarrija tieghu (DOK MC1 a folio 285 – 288) qal li hu kien sid il-Euro Club li mal-MTA jidher bhala ‘Chez Frances’. Jghid li hu xtara l-fond fis-sena 1998 pero l-permess kien ghadu ma darx fuqu minhabba kwistjoni ta’ flus. Illum jiddepozita l-flus tal-licenzji dovuti tal-MTA fil-Qorti.

Dwar il-permessi qal li kien hemm wiehed li jkopri kollox, skond hu anke l-bars Watson u Maximus.

Dwar impjieg u n-natura tax-xoghol tat-tfajliet qal li hu m’ghandux x’jaqsam. L-interess tieghu kien li fil-bar jinxtara xorb u li jistokkjah hu.

Qal li ma kien jaf xejn dwar il-fatt li l-bar Maximus kien joffri servizzi ta’ *strip tease* u *shows* ta’ nisa bejniethom bi hlas. Lanqas ma kien jaf jekk in-nisa barranin kellhomx permessi. Dwar licenzji tal-Maximus wiegeb li dawn kienu l-istess tal-Euro Club.

Fit-tieni parti tal-istqarrija qal li l-Maximus kien bar normali li jbiegh drinks u zfin. Qal li ma jafx x’isir mill-flus li jaqalghu it-tfajliet. Qal li mill-Maximus Bar hemm biss *loss of money*. Ammetta ukoll fit-tieni *statement* tieghu a folio 287 – 288 tal-process, li hu kien direttur tal-kumpanija tal-Euro Club Holiday Company Limited wahda mis-sena 1994.

Mario Ciappara fl-istqarrija tieghu a folio 279 – 282 tal-process qal li hu kien jiehu hsieb ir-*running* tal-*bar* Watsons u l-istokkjar tal-*bar* Maximus. Ammetta dwar it-tfajliet li nstabu hemm jahdmu mal-bar bhala *dancers*. Innega li huma kellhomx x’jaqsmu mat-tfajliet, spjega li kienu qeghdin bi shab u li l-binja kienet tal-Euro Club. Qal li huma bhala Euro Club kellhom biss x’jaqsmu mal-bar. Qal li l-presenza tieghu fil-bar kienet dik ta’ nofs siegha biex jara jekk jonqosx xi haga anki fl-istess bar. Tkellem

dwar il-fatt li z-zfin kien isir bi hlas. Spjega l-hlas b'dan il-mod: 'Zifniet kemm ta' Lm5.00, Lm10.00 u Lm15.00. Ta' Lm5.00 isir fil-bar ghal diska wahda. Ta' Lm10.00 iddum tul ta' zewg diski, u ta' Lm15.00 hija zifna fil-kmamar privati, u mid-drinks ta' kull *cocktail* jew *champagne* lit-tfajliet jghinu tinbiegh imisshom xi 15%', (a folio 280 tal-process).

Dwar il-jacuzzi spjega li dak qatt ma ntuza gia la darba qabel il-fond kien jintuza bhala gymnasium. Innega li hu kien jaf li fil-Maximus Bar kienu jsiru servizzi ta' strip tease, lesbian shows, u anki atti sesswali bejn it-tfajliet barranin lill-klijenti tal-bar bi hlas. Qal pero li t-tfajliet jinghataw accommodation fil-flats taghhom stess, cioe' Diane Flats, pero ma kinux huma li jiehdu hsieb il-flights tat-tfajliet. Innega li kien jaf lil xi hadd Rennie, lanqas kien jaf min kien jippikkja lit-tfajliet mill-ajruport.

Fit-tieni stqarrija a folio 282 – 284 tal-process, tkellem dwar il-fatt li hu kien impjegat biss mal-Euro Club. Spjega min kien direttur u shareholder ta' Euro Club. Qal li xogholu kien anki li jigbor il-flus mis-*safe* ta' l-istess bar, flus imqieghda hemm mis-security li kien jigbor minghand in-nisa rumeni li kienu jizfnu u jistrippjaw fil-bar (fol 282). Qal li z-zeffiena kienu jiffurmaw fuq karta li kienet tigi depozitata mal-flus. Tkellem dwar il-fatt li hu kien ihallas lis-security direttament u mhux tramite l-kumpanija G3.

Dwar iz-zfin issa fit-tieni stqarrija qal li kien ta' Lm5.00, Lm10.00, u Lm15.00, b'dan illi tal-Lm5.00 kien lap dance, ta' Lm10.00 zfin topless fil-privat, fil-waqt li tal-Lm15.00 kienet anki tinvolvi striptease, li kien isir fil-privat. Spjega fil-fatt li dan ta' l-ahhar kien isir fil-kmamarr maqsuma bil-gypsum. Qal li qatt ma hallas xi licenzji fuq il-Maximus Bar.

Tkellem dwar kif dahlu fi shab, pero hawn gew involuti ko-akkuzati ohra, allura mhux sejjer jigi riprodott xejn minn dan. Senjalament Mario Ciappara qal li ghalkemm kien jaf li kien qieghed isir strip tease u zfin topless kien kategoriku li ma riedx prostituzzjoni, kieku kien iwaqqaf ix-xoghol hemm gew.

Jghid dwar il-flus li kienu jingabru li kien johodhom mis-safe, minnhom kien ihallas il-pagi u l-ispejjez li jkun hemm.

Anke Anthony Azzopardi rrilaxxa zewg stqarrijiet fil-kors ta’ l-investigazzjoni (folio 289 – 293). Qal illi gewwa l-Maximus huwa kien jokkupa kariga ta’ chief security officer, pero qal illi fl-assenza ta’ l-imghallem kien jiehu hsieb il-fond ukoll. Spjega li kellu dress policy u crowd policy, kien joqghod attent illi n-nisa ma jigux aggrediti fl-ebda hin, cioe’ li ebda klijent ma jmisshom fil-bar. Joqghod attent ukoll illi ma jsirx kliem oxxen quddiem in-nisa, fil-kaz ta’ dan il-klijenti jigu eskortati ‘l barra. Qal li l-paga tieghu tithallas mill-operatur tal-Maximus. Qal li l-ghan tal-Maximus kien illi jiehu l-commission mill-cocktails li jhallsu l-klijenti. Ammetta ukoll li l-hrug ta’ l-ircevuti minghandu ghall-istrip tease li sar mit-tfajliet. Qal ukoll illi kien jaqralhom il-kuntratt u joqghod attentat li t-tfajliet josservaw il-kundizzjoni tal-kuntratt.

Ammetta li kien hu li kien jigbor il-flus taz-zfin li kienu jaghmlu t-tfajliet bhala pole dancing, strip tease, lesbian shows. Qal li kienu l-operaturi tal-Maximus li qalulu li jigbor il-flus ta’ kuljum u jdahhlu l-istess flus fir-registru. Tkellem kif kienu jithallsu t-tfjaliet mill-flus li hu kien jigbor kif ukoll ghal xogholu ta’ security mill-club. Qal li hu kellu biss x’jaqsam mal-pagi tas-security.

Dwar prostituzzjoni fil-bar qal illi hu qatt ma ppermetta li dan isir, ghalkemm kien hemm irgiel li talbu li t-tfajliet jaghmlu dan. Qal li jaf li zgur li kienet grat strip tease fejn tfajla nehhiet kollox, ghalkemm dan kien jibqa’ a xelta tat-tfajla. Qal li qatt ma kellu sehem mill-flus taz-zfin, lanqas ma kellu xi persentagg jew kumpens tax-xoghol zejjed li kien jaghmel.

Semma nies, mhux li-ko-akkuzati li ghamlu tentattiv li jdahhlu dawn it-tfajliet fil-prostituzzjoni.

Fit-tieni stqarrija ammetta li hu ma kellux licenzja bhala security officer. Qal li r-responsabbiltajiet tieghu gewwa l-

Maximus kien li jiehu hsieb in-nisa u li jghaddulu l-flus li jaqilghu, anke dan bhala parti mis-security dan ghaliex f'ambjent ta' bar kien hemm izjed cans ta' serq. Tkellem dwar il-fatt li kien imhallas mill-Maximus.
Ikkonferma li t-tfajliet kienu jaghmlu lap dancing, zfin topless, u strip tease anki fil-kmamar privati.

Anthony Azzopardi ghazel anki li jixhed viva voce. Hawn qal illi hu ma kellu xejn x'jaqsam mal-fond kemm bhala proprjetarju kif ukoll bhala kirja, qal li kien impjegat mal-kumpanija G3 li kienet tipprovdi fost ohrajn servizz ta' security.

Spjega li kien ilu xahrejn impjegat jew xoghol mal-Maximus, u li xogholu kien '…..niehu hsieb lin-nies gewwa l-post bhala security.' (fol 544). Kellu anke klawsola li jiehu hsieb lin-nisa fis-sens li ma jigux harassed mill-klijenti. Dwar attivita' tal-bar  tkellem dwar attivita' ta' bar normali, kien hemm podium fejn kemm irgiel u nisa kienu jizfnu. Qal ukoll illi t-tfajliet kienu jaghmlu lap dancing, kif ukoll rega' rrepeta l-fatt li kien izomm il-flus ghal security, fatt dan li jigri kullimkien f'dak l-ambjent ta' xoghol. Xogholu f'dan ir-rigward kien li jaghtuh il-flus u jaghtiehom ricevuta, liema flus kien jissigilla go envelope u qieghed gos-safe fil-Maximus stess. Qal li hu kien registrat ma' l-ETC ghal dawn l-ahhar tminn snin bhala customer care.

Qal li l-imghallem tieghu kien Joseph Attard, wara kienu jigu l-owners tal-hanut Maximus ghax kien jahdem ghalihom.

Dwar il-funzjon tieghu fil-fond Maximus, xehed in kontro ezami li hu ma kellu qatt funzjoni ta' manager, fil-fatt il-paga tieghu baqghet ta' security. Hu kien jiehu hsieb li jimxi kollox sew fuq gewwa. Spjega li fejn qabel kien jiehu l-flus minghand in-nisa u jaghtiehom lill-manager, issa kien qed jigbor il-flus hu u jqieghdhom go envelope li kien jiffirma fuqu.

Spjega xogholu fil-Maximus b'dan il-mod 'Jiena xogholi fil-Maximus kien li noqghod hemm il-lejl kollu. Kellna security fuq barra li jaghzel in-nies minn jidhol u min ma jidholx u

kemm jiccekkja l-ID. ……jiena xogholi kien gewwa. Gewwa mbaghad jibdew il-problemi. Irgiel jaraw in-nisa, jixorbu u jiena kull ma kien xogholi li nara li ma jinqalghux problemi. X'hin nara li ser jigri xi haga, jew niehu decizjoni u neskortahom 'il barra, jew inferraqhom, xoghol normali ta' security.' (folio 555)

Tkellem ukoll dwar iz-zfin li kien isir gol-kmamar privati u li kien hemm anke kontroll ta' closed circuit cameras biex jassiguraw li bejn il-klijenti u z-zeffiena ma jsirux atti sesswali. Qal li ghalih mija fil-mija dawn it-tfajliet kienu jibqghu lebsin libsa tan-net, bhal speci ta' tights shih.

Xehed ukoll in difiza ghal Frank Cachia certu Philip Bonnici – executive officer mal-ETC. Dan gie mistoqsi dwar diversi e-mails ezebiti bhala DOK EG fil-konfront ta' l-applikazzjonijiet li suppost ghamel Frank Cachia – dan ix-xhud fil-fatt ghamel referenza ghal persuna ohra nkarigata mill-permessi tal-barranin, certu Tony Schembri, dan pero ma ttellax jiddeponi. Fi kwalunkwe kaz, id-dokumenti ezebiti bhala DOK EG ma jirriflettux permessi mahruga fuq it-tfajliet rumeni xhieda f'din il-kawza, ghalkemm juru li tali applikazzjoni jistghu jsiru  b'e-mail.

Ikkunsidrat:

Illi certament irrizulta mix-xhieda u stqarrijiet u dokumenti ezebiti li Michael Ciappara – sid il-fond Euro Club (ex Chez Frances), li fuqu kellu kwistjonijet ma' l-ex sid u ghalhekk kien qieghed jiddepozita l-flus tal-licenzji dovuti lill-MTA fil-Qorti. Fil-fatt kien jidher illi hemm xi pendenzi civili. Ghalkemm hu qal li kellu permessi anki fuq il-bars Watson u Maximus, koperti dawn bil-permess mahrug fuq il-Euro Club, irrizulta li dawn kienu kkancellati fis-sena 2006, anzi skond Dr Michael Camilleri in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority, l-unika bar fi hdan dan il-kumpless li qatt kien licenzjat kien il-Euro Club Hotel Bar – ghalhekk mhux il-Maximus.

Ex-admissis jirrizulta minn naha ta' Frank Cachia li hu kien xi tip ta' shareholder mal-Euro Club Hotel, u kellu ntrojtu mill-qliegh li kien jippercepixxi l-Maximus (folio

272). Ammetta anki li kien hu li kien jiehu hsieb il-permessi tax-xoghol tat-tfajliet li kienu jahdmu go l-imsemmi bar. Ammetta wkoll illi hu kien firmatarju fuq dokumenti tal-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tat-tfajliet, ghalkemm baqa' nsistenti li ma kienx jaf x'tip ta' zfin qeghdin jaghmlu gol-Maximus. (vide per ezempju DOK FC a folio 272, u DOK EG)

Minn naha l-ohra Michael Ciappara wera li kien konsapevoli minn dak li kien qieghed jigri gewwa l-club, ghalkemm jghid li hu kien biss impjegat hemmhekk. Tant li fl-istqarrija tieghu ammetta li kien hu li kien jigbor il-flus li kien qieghed fis-safe is-security, flus taz-zfin kif ukoll tal-commission tax-xorb, ghalhekk kellu access pjen ghar-registru li tali kienu jigu mmarkati fuqu. Tant kien konoxxenti minn dak li kien qieghed jissucidi gewwa l-Maximus li kien anki bezghan mill-possibilta' ta' prostituzzjoni u ried anki sahansitra jibdel il-genru tal-club.

Minn naha l-ohra Anthony Azzopardi xehed dwar dak li kien ix-xoghol tieghu gewwa l-Maximus, fil-fehma ta' din il-Qorti xejn ghajr security officer. Anzi huwa ex-admissis fl-istqarrija tieghu (ibid) jghid li kien ic-chief security officer f'dan il-fond. Ta' xejn Joseph Attard tant ipprova jbengel il-posizzjoni li kien jokkupa Anthony Azzopardi mieghu billi tah it-titolu ta' customer care meta hu stess ghal diversi drabi fuq xhieda tieghu kif riprodotta harbitlu li Azzopardi kien impjegat bhala security ma' socjeta' li kienet tipprovdi servizzi ta' sigurta' (G3). Prova anki dan Attard jiggustifika n-nuqqas ta' licenzji fir-rigward ta' Azzopardi billi biddillu l-genru tax-xoghol tieghu, ghalkemm sa fl-ahhar qal li issa kellu l-licenzji kollha necessarji. Anki dwar min kien jimpjega l-istess Azzopardi, l-istess Attard donnu kellu konfuzjoni f'mohhu dwar dan. Daqqa jattribwieh lis-socjeta' tieghu G3, allura jhallsu hu, u daqqa lil Maximus. Minn naha tieghu Azzopardi fl-istqarrija kien ferm car minn ihallsu dan anke vica voce, l-operatur tal-Maximus.

Punt iehor li nqala' fil-konfront ta' Azzopardi kien il-vera funzjoni tieghu gol-Maximus gia la darba gie attribwit lilu wkoll ir-rwol ta' manager. Vera kien Azzopardi li kien jigbor il-flus minghand it-tfajliet u jqieghdhom go safe,

ghar-ragunijiet ta' sigurta', vera ukoll dan ir-rwol qabel kien jaghmlu certu Godwin il-Barkun, vera wkoll kien Azzopardi li kien ifiehem il-kuntratt li t-tfajliet bil-lingwa taljana, pero hija l-fehma ta' din il-Qorti li Azzopardi ma kellu assolutament xejn x'jaqsam mal-grajjiet ta' gewwa l-Maximus, maz-zfin tat-tfajliet anke dak fil-privat, ma' l-ilbies taghhom u mal-qliegh mill-istess.

Din il-Qorti hija konvinta mill-provi kif prodotti li x-xoghol ta' Anthony Azzopardi gewwa l-Maximus kien dak ta' security, u li kien biss hemm impjegat.

Sar enfasi qawwi mill-Prosekuzzjoni dwar dak li kien in-natura taz-zfin tat-tfajliet rumeni. Il-Qorti mix-xhieda migbura, anki jekk b'certu reticenza tista' facilment tasal ghall-konkluzjoni li kienu jsiru kemm zfin fil-bar innifsu, kif ukoll fil-kmamar privati. Jirrizulta ukoll kemm minn dak li qal Azzopardi kif ukoll li xehdet Elena Petronela dwar zfin strip tease, kompletament gherwiena, kif ukoll ghal zfin fi kmamar privati b'tonalita' lesbika, allura  ma' zeffiena ohra kollegi taghha. Kolha qablu dwar l-introjtu minn dan iz-zfin u n-natura tieghu.

**Ma jirrizulta mkien mill-atti processwali li dawn it-tfajliet li frankamednt xejn ma kienu jidhru ta' subajhom f'halqhom meta ddeponew quddiem din il-Qorti, gew b'xi mod zfurzati li jaghmlu l-attivitajiet minnhom deskritti gewwa l-Maximus. (enfasi tal-Qorti)**

Mix-xhieda ta' dawn it-tfajliet jirrizulta ukoll kemm Frank Cachia ma kienx veritjier f'dak li qal fl-istqarrija tieghu, tant li jirrizulta li hu kien li tahom struzzjonijiet taz-zfin li kellu jsir fil-club, cioe' lap dancing, pole dancing, u strip tease. Oltre hekk jidher li l-flus li dawn it-tfajliet kienu jigu bihom minn barra, kienu mbaghad jghaddu ghand Cachia nnifsu, tant l-involviment tieghu.

Dwar l-involviment ulterjuri ta' Mario Ciappara f'din is-set-up, ghalkemm ma kienx minnu nnegat, iz-zeffiena Gabriela Stringaciu qalet li hi ta' xogholha kienet tithallas darba fil-gimgha minghand Mario Ciappara.

Dwar il-permessi ta’ xoghol ta’ dawn it-tfajliet, gia din il-Qorti kkummentat dwar dak li qal Frank Cchia fl-ewwel stqarrija tieghu. Pero ghalkemm gew ezebiti d-dokumenti EG mid-Difiza, dawn ma jwasslux biex jikkonvincu lil din il-Qorti li dawn it-tfajliet kellhom xi permess ta’ xoghol, anzi a kontrarju kemm mix-xhieda tat-tfajliet kif ukoll tal-ETC, jirrizulta li permessi ma kienx hemm.

Il-Prosekuzzjoni ghafset hafna wkoll in sostenn ta’ certi akkuzi minnha proposti fuq l-ilbies tat-tfajliet. Meta sar dan ir-raid gewwa l-Maximus certament irrizulta li l-ilbies taghhom kien dak ta’ hwejjeg ta’ taht, anki deskritt bhala ‘very skimpy’. Fuq dan il-punt il-Qorti ser taghmel kummenti aktar fit-tul meta jigu ezaminati r-reati addebitati.

Ikkunsidrat:

L-ewwel zewg akkuzti addebitati huma kontra l-akkuzati kollha cioe’ assoccjazzjoni fiz-zamma ta’ burdell u z-zamma ta’ l-ezercizzju ta’ dan il-burdell ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali.

Tibda din il-Qorti biex a priori tiddikkjara li Anthony Azzopardi fil-fehma taghha ma kellux lanqas jigi addebitat b’tali akkuzi. Dan huwa biss impjegat bhala security u certament ma kienx la l-mohh, la l-organizzatur, u lanqas il-persuna li b’xi mod ghenet jew hasbet fl-istruttura tal-Maximus. Il-fatt li ghen fix-xoghol kif deskritt ma tqieghdux f’wiehed minn dawn ir-reati kkontemplati in kwantu zgur ma wera ebda common design ghall-assoccjazzjoni u lanqas kellu z-zamm tal-fond Maximus. Fil-fatt huma lanqas biss kien jippercepixxi mill-qliegh li kien jaghmel dan il-fond.

Jirirzulta minn naha l-ohra li missier Ciappara hu sid il-fond, ibnu li kien aktar involut fil-gestjoni tieghu u Frank Cachia, l-akbar percimess, kienu jafu sew bit-tfajliet u x’kien ser jigri fil-fond Maximus. Minn dan il-Qorti hija konvinta.

Pero l-assoccjazzjoni in dezamina hija wahda fuq zewg binari – dik ghaz-zamma ta' burdell, ghal skop ta' prostituzzjoni, jew ghal skopijiet ohra immorali.

Hasbet fit-tul din il-Qorti fuq dan il-punt. Irrikorriet ghalhekk ghal definizzjoni tal-kelma 'bordello' fid-dizzjunarju Oxford (Oxford University Press 1995), fejn wiehed isib li d-dizzjunarju jaghmel referenza ghal kelma 'brothel' (pagna 124). Issa d-definizzjoni tal-kelma brothel f'dan id-dizzjunarju taqra hekk: '*a house where men pay to have sex with prostitutes*' (page 142).

Certament fil-fond Maximus, li ghalkemm mhux 'house', ma taghmilx differenza ghall-kwistjoni in dezamina, ma jirrizultax li kien isir dan il-pagament ghal gratifikazzjoni sesswali fis-sens tad-definizzjoni msemmija. Minn imkien mill-atti ma jirirzulta li t-tfajliet kienu qed jircievu flus ghal att sesswali fl-interpretazzjoni stretta tieghu. Fil-fatt hadd mit-tfajliet zeffiena ma jaqa' taht id-definizzjoni tal-kelma 'prostitute' moghtija fl-istess dizzjunarju u cioe':
'*a person who offers herself or himself for sex….in return for money*', (pagna 931).

Id-definizzjoni tal-kelma 'brothel' fil-'Blacks' Law Dictionary', (Eighth Edition, Bryan A Garner, Pagna 206), tghid:
'A building or business where prostitutes play their trade, a whore house. Also farmed house of ill repute. See disorderly house.'

Ghalhekk fid-'disorderly house', (pagna 503), insibu hekk:
1. A dwelling where people carry on activities that are a nuisance to the neighborhood;
2. A dwelling where people conduct criminal or immoral activities. Examples are brothels and drug houses.

Jikkwota s-segwenti taht din id-definizzjoni:
'The keeping of one type of disorderly house – the bawdy house, is punished because it violates the social interest in maintaining proper standards of morality and decency……As included here a house may be disorderly

for other reasons. Any house in which disorderly persons are permitted to congregate, and to disturb the tranquility of the neighborhood by fighting, quarrelling, swearing or any other type of disorder, is a disorderly house, and the keeping thereof is a misdemeanor at common Law', Rolim M Parkins, and Ronald N Boyce, Criminal Law 487 ($3^{rd}$ CD 1982).

Id-definizzjoni tal-kelma 'prostitution' fl-imsemmi dizzjunarju, a pagna ….taqra:
That act or practice of engaging in sexual activity for money, or its equivalent commercialized sex.'

Anke f'dan ir-rigward imkien fl-atteggjament ta' dawn it-tfajliet ma nsibu lli fl-azzjoni taghhom huwa tali li '…they offered themselves for sex', tant illi ebda kuntatt fiziku ma kien permess bejn dawn it-tfajliet u l-klijenti. Lanqas fil-kuntest tad-definizzjoni tal-kelma 'prostitution' (ibid) ma kien xi 'sexual activity' ghax ma kien hemm ebda kuntratt bejn it-tfajliet u l-klijenti li jasal sa hawn.

Issa jibqa' biss biex jigi dibattut pero jekk iz-zfin, anzi n-natura taz-zfin tat-tfajliet b-ilbies skimpy, jew minghajru fi kmamar privati kienx jammonta ghal 'skopijiet ohra immorali'.

Kif inghad gia, dawn it-tfajliet waqt xogholhom kienu lebsin hwejjeg ta' taht skimpy, jew bikini ta' l-istess natura. Gieli fi kmamar privati zifnu topless u gieli gharwenin, strip tease. Allura dan is-servizz kien wiehed ghal skop immorali? Oltre hekk il-pjacir li setghu taw dawn it-tfajliet kien wiehed immorali?

Wiehed fil-fors irid jaqbel mal-fatt li l-livell ta' moralita' fiz-zminijiet tal-lum inbidel. Dak li kien immorali fi zminijiet passati llum m'ghadux. Anki certi affarijiet li kienu llegali fi zmien il-qedem illum m'ghadhomx, jew vice versa. Insibu per ezempju li f'civiltajiet qodma l-prostituzzjoni kienet legali, illum hija certament immorali pero mhux illegali, sakemm wiehed ma jinqabdax jittalja. Insibu religjonijiet (l-Asja per ezempju), fejn xbihat ta' l-att sesswali huma komuni u accettat fl-istess tempji religjuzi. Pero jekk naslu

ghall-granet tal-lum, harsa madwarna lejn dak li hu l-passat aktar qrib, jurina l-kambjament (sewwa jew hazin) li ghamlu l-livell ta' moralita' taghna (ad differenza pero ta' atti immorali, li fin-natura taghhom jekk jibqghu wiehed jispera, hekk bhal pedofelija). Nannitna, ghax hawn fuq indumenti ta' taht u ta' l-ghawn qed nitkellmu, kienu jilbsu lozor bhala hwejjeg ta' taht (Alla hares anki tidher l-ghaksa), u sahansitra ilbiesi biex jghumu bihom. Illum, issa l-istagun opportun, il-moda hi ta' ilbies inqas, kemm indumenta privati kif ukoll ta' l-ghawm. Jekk wiehed jasal wassla sa bajja Maltija, fuq xtutna hemm show kbir ta' nuqqas ta' ghata. Allura dak li qabel kien uzanza u li konna nitkazaw bih, illum huma accettat (mhux minn kulhadd ovvja), u mfittex fil-hwienet.

M'hemmx ghalfejn wiehed jasal sal-bahar, kellha anke ragun id-Difiza dwar dan meta ezebiet sensiela ta' magazines u kartolini (jirreklamaw lil pajjizna per parentesi), ta' nisa f'pozi provokanti, u nuqqas ta' ilbies, anzi addirittura gharwenin. Anki fir-rigward ta' dak progettat fuq it-televizjoni kellha ragun, stante li dawn ix-xbihat qeghdin hemm ghal kull min ihallas l-istazzjon li fuqu huma progettati.

Allura wiehed jistaqsi ghad-distinzjoni taz-zamm ta' burdell u prostituzzjoni, tenut ta' dak kollu li llum ahna ccirkundati bih u drajna, zfin ta' nisa ma' pole, topless u strip tease huma immorali, anzi qed isiru dawn ghal skopijiet immorali.

Din il-Qorti tinsab konfortata mill-fatt u tispera li hekk isir, li tali postijiet mhumiex miftuha ghal zghazagh ta' certu eta', bhal ma hu illum l-alcohol. Dan ghaliex wiehed ma jista' qatt jippermetti li zghazagh jigu mghallma b'dan il-mod x'toffri l-hajja tal-pjacir. Dawn il-clubs ghandhom jkunu biss miftuha ghal adulti u mill-atti hekk jirrizulta. Hija anki konfortata din il-Qorti illi mill-fatt li ma ngabet ebda prova bil-kontra tal-fatt li dawn in-nisa kienu qed jigu sfurzati b'dan ix-xoghol, anzi mill-imgieba taghhom fuq il-pedana taw xehta ferm differenti! Hija ukoll konfortata din il-Qorti mill-fatt illi l-esposizzjoni ta' dan iz-zfin hija a scelta ta' min irid jarah, a kuntrarju tar-rivisti u kartolini esposti fil-

hwienet taghna, biex ukoll ma jissemmiex l-ilbies jew nuqqas tieghu fil-bajjiet Maltin matul ix-xhur tas-sajf. Gie pruvat fil-fatt a sofisfazzjon ta' din il-Qorti li meta dawn it-tfajliet nezghu topless jew b'xejn, addirittura, dawn kienu fi kmamar appoziti privati, u zifnu hekk. Allura tali attivita' ghandha tfisser li l-Maximus kien qieghed jinzamm u jintuza ghal skopijiet immorali minhabba dan it-tali zfin, fil-privat. Tali strip tease ifisser li dawn it-tfajliet kienu qeghdin jigu sfurzati u sfruttati meta dawn telghu fuq il-pedana b'artidizmu assolut!

Din il-Qorti allura hija mistiedna tiddikkjara immorali dak li jsir a scelta fil-privat u biss fuq livell ta' zfin meta ghandna esposizzjonijiet aktar sfaccati li huma accettabbli mill-hafna, anki jekk ma jinghogobx minn kulhadd. Dan is-suggett qatt ma kellu jkun kriterju ta' test case, pero wiehed li l-legislatur illum ghandu jiccara.

Ghaldaqstant, qieghda tillibera lil Mario Cachia, Michael Cachia, u Frank Cachia mkill-effetti ta' l-ewwel zewg akkuzi.

Fil-konfront ta' l-akkuzi addebitati biss lil Frank Cachia u Michael Ciappara wahidhom, in vista ta' dak hawn fuq premess, qeghdin konsegwentement jigu liberati mill-ewwel akkuza ukoll koncernanti l-prostituzzjoni u skopijiet ohra immorali fil-fond Maximus.

It-tieni akkuza addebitata f'dan ir-rigward hija dik li Michael Ciappara u Frank Cachia impjegaw persuni mhux ezenti jew li ma kellhomx id-debita licenzja ghal skop ta' impjieg u cioe' t-tfajliet rumeni. It-tielet akkukza addebitata lil Ciappara u Cachia hija dik li impjegaw lill-istess persuni minghajr notifika lill-korporazzjoni tax-xoghol.

Mela dawn iz-zewg akkuzi in dezamina jikkoncernaw direttament l-impjieg tat-tfajliet rumeni. Xejn ma tista' tghid din il-Qorti dwar dawn iz-zewg akkuzi, hlief li dawn l-akkuzi jirrizultaw, u kwantu dak premess fuq l-involviment ta' Michael Ciappara u Frank Cachia fil-Maximus.

Fil-fatt ghalkemm gie ezebit id-dokument EG, dan ma juri xejn hlief li applikazzjoni ma’ l-ETC tista’ ssir illum tramite e-mail. Pero l-applikazzjonijiet ezebiti ma jirriflettu ebda permess mahrug a favor it-tfajliet rumeni li kienu involuti f’dan il-kaz.

Ir-raba’ akkuza addebitata hija dik li Michael Ciappara u Frank Cachia ggestew il-fond Maximus bhala post kummercjali minghajr il-licenzja ta’ l-Awtorita’ Kompetenti, anki din l-akkuza tirrizulta ben pruvata mix-xhieda ta’ Dr Michael Camilleri gia riprodotta. Il-fatt per se li Michael Ciappara jiddepozita dak dovut lil Malta Tourism Authority fil-Qorti ma jista’ qatt ifisser li hu ghandu l-licenzji opportuni. Oltre dan kif xehed l-istess Avukat dawn il-licenzji anki jekk illum ikkancellati kenu jsejhu lil Euro Club Hotel Bar u mhux il-Maximus, li allura qatt ma kien inkluz fl-istess licenzja.

Fir-rigward tal-hames akkuza tqies li din ghal kollox ma gietx pruvata u ghaldaqstant qieghda tilliberahom mill-effetti ta’ l-istess.

Is-sitt akkuza hija fir-rigward ta’ l-impjieg li l-Maximus impjega, haddem jew ippermetta l-uzu ta’ gwardjan privat, dan b’referenza ghal Anthony Azzopardi.

Issa dan ir-reat huwa wiehed li jaqa’ taht il-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att dwar Gwardjan Privat u Lokali).

Mix-xhieda ta’ Joseph Attard gia riprodotta, irrizulta ben sew illi huwa kellu agenzija li kienet timpjega jew thaddem impjegati biex jipprovdu servizzi ta’ gwardjan privati f’xi post ta’ divertiment, dan kif jirirzulta mid-definizzjoni fl-Artikolu 2 ta’ l-imsemmi Kapitolu.

Issa fl-istess Artikolu nsibu d-definizzjoni ta’ dak li hu gwardjan privat ‘…individwu li hu impjegat jew li jahdem ma’ agenzija ta’ gwardjani privati fil-provvista ta’ servizzi ta’ gwardjani privati f’isem dik l-agenzija’.

Gia espremiet il-fehma taghha din il-Qorti fuq it-tip ta’ xoghol li kien jaghmel gol-Maximus Anthony Azzopardi:

security. Dan frankament huwa wiehed li jaqa' fid-definizzjoni ta' gwardjan privat hawn riprodotta. Illi ghalhekk stante li certament Azzopardi ma kellux il-licenzja rikjesta. Ghaldaqstant Ciappara (Michael) u Frank Cachia huma hatja ta' dan ir-reat.

Mela Anthony Azzopardi gie akkuzat wahdu talli hadem ta' gwardjan privat fil-fond Maximus, konsegwenti ghall-htija ta' Ciappara u Cachia f'dan ir-rigward u tenut kont ta' dak li xehdet WPC 6 Talpi (gia riprodotta) issib htija anki taht dan ir-reat fil-konfront ta' Anthony Azzopardi.

L-ahhar akkuza in dezamina hija dik kontra Frank Cachia, cioe' ksur ta' sentenza sospiza li frankament ma gietx pruvata allura huwa qieghed jigi liberat mill-effetti taghha.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda fil-konfront ta' Frank Cachia u Michael Ciappara ssib htija ai termini ta' l-Artikoli 3, 4, 7 ta' l-Avviz Legali 110-1993 u l-Artikolu 4 u 25 tal-Kapitolu 389 u l-Artikolu 2, 18, 43 tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannahom ghal multa ta' €5,000(hamest elef Ewro) kull wiehed.
Issib htija ukoll fil-konfront ta' Anthony Azzopardi ai termini ta' l-Artikolu 3, 25 tal-Kapitolu 389 u tikkundannah ghal multa ta' €1,182(elf mija tnejn u tmenin Ewro).

Ghar-ragunijiet gia' premessi Mario Ciappara qieghed jigi liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu in kwantu jirrizulta li fil-Maximus kien biss impjegat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------